Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 499/10

**Dr Lawrence Gonzi (appellant)**

**vs**

**Josef Caruana (appellat)**

10 ta’ Marzu 2017

**1. Din hija kawża ta’ libell rigwardanti editorjal intitolat “*Giddieb bil-provi*” li deher fil-ħarġa ta’ “l-Orizzont” tal-15 ta’ Novembru 2010.**

2. Fir-rikors tiegħu ippreżentat fit-23 ta’ Novembru 2010 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) l-attur Dr Lawrence Gonzi talab li (i) l-editorjal intitolat “*Giddieb bil-provi*” li deher fil-ħarġa tal-Orizzont tal-15 ta’ Novembru 2010 jiġi dikjarat libelluz u malfamanti fil-konfront tiegħu stante li kien intiż biex itellef u jnaqqas mir-reputazzjoni tiegħu, u li (ii) konsegwentement il-konvenut, bħala l-editur tal-istess gazzetta jiġi kkundannat iħallsu somma stabbilita mill-qorti bħala danni morali skont l-Artikolu 28 tal-Kap. 248 tal-Liġijiet ta’ Malta.

3. Fir-risposta tiegħu ippreżentata fit-3 ta’ Frar 2011, il-konvenut eċċepixxa illi (i) l-kitba in kwistjoni huwa kumment fuq fatti magħrufa, u li (ii) dan hu permess f’ soċjeta` ħielsa u skont liġi li tindika l-importanza tal-istampa ħielsa f’ soċjeta` demokratika.

4. Fid-deċiżjoni tagħha tat-18 ta’ Jannar 2016, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u ċaħdet it-talbiet attriċi. Bl-ispejjeż a karigu tal-attur.

5. Fil-5 ta’ Frar 2016 appella mis-sentenza u talab ir-revoka tas-sentenza appellata u wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut appellat, tilqa’ t-talbiet tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat.

6. **<u>L-aggravji tal-attur appellant Dr Lawrence Gonzi, jistgħu jiġu sintesizzati kif ġej:</u>**

- <u>L-allegazzjoni ta' "Giddieb bil-provi" fil-konfront ta' Dr Lawrence Gonzi in konnessjoni mal-intervista li saret fuq **Bondi+**</u>**:**
  *(liema allegazzjoni l-ewwel qorti dehrilha li kienet infondata)*

  Fl-ewwel lok huwa jaċċenna għal dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel qorti qalet illi:

  *"...l-ilment tar-rikorrent dwar l-allegazzjoni ta' giddieb illi saret fil-konfront tiegħu mill-editur intimat fejn jirriwarda l-intervista illi saret fuq Bondi+ hija waħda ġustifikata..."*

  u jgħid illi dan ma jistax ifisser ħaġ'oħra ħlief li l-konvenut għamel allegazzjoni falza fl-editorjal tiegħu u li l-ewwel qorti rrikonoxxiet il-falsita` ta' dak li ġie ppubblikat. Jargumenta illi dan ifisser allura li l-pubblikazzjoni hija libelluża u għalhekk isostni li t-talba messha kellha eżitu pożittiv.

- <u>L-allegazzjoni ta' "Giddieb bil-provi" in konnessjoni mal-kumment dwar il-"**wegħdi foloz**"</u>:
  *(liema allegazzjoni l-ewwel qorti dehrilha li kienet fondata)*

  Jagħmel imbagħad riferenza għal dik il-parti tal-editorjal fejn jissemmew il-"*pataflun ta' wegħdi foloz li għamel lejliet l-elezzjoni*", u jissottolineja l-fatt li fil-pubblikazzjoni ma hemm l-ebda riferenza partikolari għal xiex kien qed jirreferi l-konvenut editur meta semma tali "*wegħdi foloz*". Jilmenta bil-fatt li l-konvenut, f' dan ir-rigward, ressaq provi dwar ċirkostanzi li ma ssemmewx fl-editorjal innifsu, u cioe`, dwar il-wegħdi li kienu saru lill-impjegati tat-Tarzna u tal-Airmalta. Isostni li l-provi mressqa mill-konvenut kellhom ikunu limitati għal dak speċifikatament riportat fl-editorjal. Jgħid li l-malafama o meno fil-konfront tiegħu kellha tiġi ġġudikata minn dak li l-qarrejja jkunu qraw fl-artikolu u mhux minn

ċirkostanzi li seta' kellu f' moħħu l-konvenut (li fi kwalunkwe każ huma kkontestati minnu).

- <u>Allegazzjoni libelluża ma tiġix newtralizzata b' fatti "allegatament" veritieri:</u>

  Ħass ruħu ukoll aggravat bil-fatt li l-ewwel qorti (li irriżultalha li l-ilment tiegħu fir-rigward tal-allegazzjoni ta' "giddieb" kien ġustifikat in inkwantu tirrigwarda l-intervista li saret fuq "*Bondi+*", iżda mhux ukoll in kwantu tirrigwarda l-"wegħdi foloz") donnu dehrilha li waħda tinnewtralizza l-oħra. Isostni li dak li huwa libelluż ma jistax jiġi newtralizzat b'allegazzjonijiet (allegatament) veritjiera.

- <u>Anke persuna politika m'għandhiex taċċetta "gideb" fil-konfront tagħha</u>

  Jissottometti  ukoll illi anke jekk hu persuna politika, u allura bħala tali huwa soġġett "*għal livell ta' kritika għolja kif ukoll għal provokazzjonjiet u esaġerazzjonijiet*" bl-ebda mod ma għand jissaporti "gidba" lampanti miktuba f' editorjal ta' gazzetta li tattakka l-integrita` u r-reputazzjoni tiegħu.

- <u>Il-wegħdi ma setgħux jinżammu minħabba ċirkostanzi partikolari</u>

  *In subsidium* jargumenta illi li wegħda elettorali ma tinżammx m'għandhiex titqies bħala "gidba" fit-termini tal-liġi, iktar u iktar jekk ma tkunx inżammet minħabba raġunijiet ġustifikati. Fil-fatt jispjega illi l-fatti li seħħew fiż-żmien li għadda bejn meta l-ħaddiema tat-Tarzna u tal-Airmalta ġew imwegħda li mhux ser jitilfu l-impieg tagħhom (Frar 2008) u meta inkiteb l-editorjal (Novembru 2010) juru li huwa żamm kelmtu sa fejn kien umanament possibbli.

7. Il-konvenut appellat Josef Caruana fl-24 ta' Awwissu 2016 wieġeb biex jgħid għaliex dan l-appell għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata "*fl-interezza tagħha*", bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellant.

**8. Sfond kronoloġiku:**

- Meta inkiteb l-editorjal in kwistjoni (u fiż-żmien preċedenti għalih) l-attur kien il-Prim'Ministru. Kienet għaddejja kontroversja politika kbira dwar l-għoti ta' kuntratt da parti tal-Enemalta lill-kumpanija Daniża BWSC għall-estenzjoni tal-"*power station*" ta' Delimara, intiża biex tissostitwixxi dik tal-Marsa;

- Fis-26 ta' Mejju 2009 il-*Public Accounts Committee* (PAC) inkarigat lill-Awditur Ġenerali sabiex jinvestiga l-proċess ta' għoti ta' dan l-imsemmi kuntratt;

- Fid-19 ta' April 2010, wara li l-Awditur Ġenerali sema' diversi xhieda u lesta r-rapport tiegħu, ippreżentah fuq il-mejda tal-Kamra tar-Rappreżentanti. Tali rapport ġie diskuss fil-Kamra f' Mejju tal-istess sena;

- Fis-6 ta' Ottubru 2010, Dr Charles Mangion, ic-*Chairman* tal-PAC, (appuntat mill-Oppożizzjoni) ippropona li r-rapport tal-Awditur Ġenerali jiġi diskuss mill-PAC fil-laqgħat ta' wara. Jiġi spjegat illi l-PAC huwa kompost minn seba' (7) membri: erba' (4) minnhom[1] kienu min-naha tal-Gvern, u t-tlieta (3) l-oħra[2] min-naħa tal-Oppożizzjoni. Ġara li l-erba' membri rappreżentanti l-Gvern oġġezzjonaw li tali rapport jiġi diskuss. Wara li talbu li jittieħed vot dwar jekk tali suġġett kellux jitqiegħed fuq l-agenda tal-PAC, l-Onorevoli Mangion sostna li l-agenda kienet prerogattiva tiegħu u li għalhekk kien ser jinsisti li tiġi diskussa. Dan wassal biex Dr Austin Gatt (wieħed mill-erba' membri appuntati mill-

[1] Robert Arrigo, Jason Azzopardi, Austin Gatt, Philip Mifsud.
[2] Helena Dalli, Charles Mangion (Chairman) u Evarist Bartolo.

Gvern, li jmexxi d-delgazzjoni tal-Gvern fil-PAC) iqajjem "*point of order*" dwar tali deċiżjoni u l-erba' membri rappreżentanti l-Gvern ħarġu 'l barra, bir-riżultat li l-laqgħa ma setgħetx titkompla minħabba f' nuqqas ta' "*quorum*";

- Fil-11 ta' Ottubru 2010, Dr Austin Gatt talab *ruling* mingħand l-i*speaker* tal-Kamra) fuq din il-pożizzjoni ta' Dr Mangion, u ddikjara illi filwaqt li c-*Chairman* kien intitolat jirrediġi l-agenda huwa stess, vot dwar l-agenda kellu jittieħed u għalhekk kien skorrett meta ma ppermettiex li jittieħed vot kif rikjest minn Dr Austin Gatt. Ir-*ruling* irrileva wkoll li d-deċiżjoni dwar persuni li kellhom jitħarrku jixhdu quddiem il-PAC kellha tittieħed mill-kumitat kollu u mhux miċ-*Chairman*;

*"Il-ħames materja tirrigwarda t-taħrik tax-xhieda mill-Kumitat. Skont l-Ordni Permanenti 132 il-Kumitat għandu 'setgħa li jħarrek xhieda u li jordna li jinġiebu dokumenti u rapport quddiemu…. Ix-Xhieda jistgħu jkunu ordnati biex jattendu permezz ta' mandat maħruġ mill-President tal-Kumitat relattiv u li jiġi ffirmat mill-Iskrivan".*

*Minn dan joħroġ li għalkemm huwa l-President tal-Kumitat li materjalment u formalment issejjaħ ix-xhieda,* ***is-setgħa li jitħarrku xhieda qiegħda f'idejn il-Kumitat****".*

- Fit-18 ta' Ottubru 2010, l-attur Dr Lawrence Gonzi (Prim Ministru) kien intervistat fuq il-programm "*Bondi+*". Il-preżentatur aċċenna għall-fatt li l-programm kien qed jiġi rrekordjat filgħodu[3] (ftit sigħat qabel ma kellha tinżamm laqgħa tal-PAC dak in-nhar stess) u b'referenza speċifika għall-proposta ta' Mangion li jiġi diskuss ir-rapport tal-Awditur Ġenerali mill-PAC, u li jittellgħu xiehda biex jitkellmu dwaru, staqsa lil Dr Gonzi: *"…tista' tgħidli kif ħa jġibu ruħhom ir-rappreżentanti tal-Partit Nazzjonalista f' dan il-Kumitat fuq din l-issue jekk Charlie Mangion iqajjimha llejla?*" Huwa wieġeb hekk:

*"Jiena tajt struzzjonijiet biex ladarba kien hemm ruling tal-ispeaker illi d-dibattitu li għamilna diġa fil-Parlament, dibattitu li dam għaddej ġurnata, fuq ir-rapport tal-Awditur, b'vot ukoll li ttieħed fil-Parlament, ladarba l-ispeaker qal li m'hemm xejn ħażin li jerġa' jirrepeti ruħu fil-Public Accounts Committee (PAC),* ***allura jiena tajt struzzjonijiet biex il-Membri tal-Gvern fil-Public***

[3] imbagħad intwera dak in-nhar stess fil-għaxija.

***Accounts Committee (PAC) ma joġġezzjonawx li jerġa' jsir dibattitu fuq dak ir-rapport, li anke jekk hemm bżonn li jissejjaħ l-Awditur Ġenerali biex jikkjarifika, jissejjaħ l-Awditur Ġenerali biex jikkjarifika, m'għandix diffikulta` li jsir****. Aħna mill-ewwel għidna noqgħodu għar-ruling tal-ispeaker."*[4]

- Ukoll fit-18 ta' Ottubru 2010, ftit sigħat wara li ġie rrekordjat il-programm "*Bondi+*", effettivament inżammet laqgħa tal-PAC. Meta c-*Chairman* għadda biex jindika l-persuni li kellhom jitħarrku biex jixhdu dwar ir-rapport tal-Awditur Ġenerali, l-erba' rappreżentanti tal-Gvern ivvutaw kontra, filwaqt li t-tlett rappreżantanti tal-oppożizzjoni ivvutaw favur. Dr Joseph Muscat (il-Kap tal-Oppożizzjoni[5]) staqsa lil Dr Austin Gatt jekk ir-riserva tiegħu kinitx fir-rigward tax-xiehda kollha jew fir-rigward ta' dawk li m'humiex uffiċjali pubbliċi, wieġeb:

  *"Iva, l-oġġezzjoni tiegħi hija di principio u allura hija kontra kulħadd ħlief l-Awditur biex jispjega r-rapport tiegħu."*

- Fil-5 ta' Novembru 2010, Dr Joseph Muscat (dak iż-żmien il-mexxej tal-Partit Laburista) waqt il-programm "*Xarabank*" għajjar lil Dr Lawrence Gonzi "*giddieb*";

- Fit-12 ta' Novembru 2010, (skont ma xehed il-konvenut fl-affidavit tiegħu[6]) ġiet ippubblikata kjarifika maħruġa mill-Kap tal-Komunikazzjoni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, Gordon Pisani, li kienet tgħid fost oħrajn li:-

  *"L-Uffiċċju tal-Prim Ministru jrid jagħmilha ċara biżżejjed li l-pożizzjoni meħuda mill-membri tal-Gvern fl-aħħar laqgħa tal-PAC, meta n-naħa tal-Gvern ivvotat kontra l-produzzjoni ta' xhieda aktar mill-Awditur Ġenerali,* ***kienet il-pożizzjoni maqbula fil-Kabinett u li l-Prim Ministru kien idderieġa lill-membri biex jieħdu."***

- Fil-15 ta' Novembru 2010, kien pubblikat editorjal fil-gazzetta "l-Orizzont", intitolat "*Giddieb bil-provi*", fejn inkiteb:

[4] Fol 21.
[5] Li kien qed jieħu post Evarist Bartolo.
[6] Affidavit tal-konvenut fol 40-47.

*"Il-Fariżej Nazzjonalisti u s-servi tagħhom fil-midja tgħidx kemm tkażaw u ċarrtu lbieshom għax Dr Joseph Muscat qal il-verita` mingħajr ma ħabbel rasu li joqgħod lura milli jgħid iswed dak li huwa iswed. Dawn l-ipokriti ħaduha bi kbira għax il-Mexxej Laburista għajjar lill-Prim Ministru Lawrence Gonzi giddieb. U qallu hekk f' wiċċu. U għamel sewwa għax issa l-poplu xeba' u ddejjaq jisma' kullana ta' gideb ħiereġ minn fomm Gonzi. Lanqas jekk wieħed ikollu paċenzja ta' Ġobb ma jissaporti jisma' l-gideb sfaċċat tal-Prim Ministru.*

*U mhux gideb ta' tgħawwiġ ta' fatti u manipulazzjoni ta' figuri biss, lanqas gideb li huwa assoċjat ma' politiċi li ma jħabblux rashom mill-eżattezza ta' dak li jesklamaw. Iżda agħar, ferm agħar, gideb intiż biex jinganna, biex iħawwad, bex jagħti stampa falza u qarrieqa tas-sitwazzjoni. F' kull pajjiż normali li jgħożż id-demokrazija u li l-gvern iħoss li huwa responsabbli mhux biss għal għemilu, iżda wkoll għal dak li jgħid liċ-ċittadini, l-ebda prim ministru qatt ma kien jikkontempla, aħseb u ara jigdeb direttament fi programm televiżiv.*

*Il-poplu mhux se jinsa kif il-Prim Ministru gidiblu u pprova jiżvijah meta assigura lil sieħbu Lou Bondi li hu kien ordna lill-membri tiegħu fuq il-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi (PAC) biex ma jfixklux l-aġenda tal-Oppożizzjoni Laburista u jaċċettaw li x-xiehda jittellgħu quddiem dan il-kumitat biex jiġu mistħarrġin. Allura l-poplu ħaseb li dik kienet inizjattiva ta' Austin Gatt dak li jimbarra lill-PAC milli jkompli bl-aġenda tiegħu fl-istess ħin u jum. Iżda l-għada stess il-Ministru giddbu u ddikjara li huwa aġixxa skont kif proprju ried il-Prim Ministru u l-Kabinett. Issa joħroġ Gordon Pisani jiżvela li kien il-Prim Ministru nnifsu li ressaq il-proposta fil-Kabinett biex ma jittellgħux ix-xiehda!*

*In-Nazzjonalisti u s-servili tagħhom fil-midja kif qatt jista' jkollhom wiċċ li jkomplu jferfru idejhom f' kundanni għax Joseph Muscat qal li Gonzi huwa giddieb u jdawru wiċċhom in-naħa l-oħra għall-gideb gravi ta' sidhom. Bl-arroganza tagħhom jippretendu li l-poplu jaċċetta b'rassenjazzjoni kull gidba li toħroġ minn fomm l-idolu tagħhom.*

*Mhux biss jiskużaw il-gideb tiegħu, li huwa saħansitra miktub u dokumentat fil-pataflun ta' wegħdi foloz li għamel lejliet l-elezzjoni ġenerali, mhux biss insew kemm ħawwad u waqqa' kelmtu stess ma' kull sezzjoni tas-soċjeta`, mhux biss insew li llum jgħid ħaġa u l-għada jagħmel oħra, iżda anke ma jgħidux li qed jigdeb, u jigdeb b'mod sfaċċat meta jassigurana li huwa ordna lin-nies tiegħu biex ma jfixklux lill-PAC, u n-nies tiegħu jgħidulna li kien huwa li qalilhom biex jimbarraw il-proċess!*

*Mhux ta' b'xejn li rrifjuta li jerġa' jmur jaffaċċja lil Joseph Muscat fuq il-programm ta' John Bundy nhar il-Ġimgħa. L-esperjenza qarsa li kellu jixrob fil-programm ta' sieħbu stess, Peppi Azzopardi, baqgħetlu xofa. Bħal kull giddieb, jibża' jaffronta lil min huwa dritt u sinċier. Jaf ukoll li l-giddieb għomru qasir. Jaf iżjed li llum il-poplu intebaħ li l-ħmira tal-ħobż ta' GonziPN hija biss gidba!"*

Mid-dokument a fol. 20 jirriżulta li fil-15 ta' Novembru, 2010 l-editur tal-gażżetta L-Orrizont kien il-konvenut.

- <u>Fis-16 ta' Novembru 2010</u> il-PAC, bi qbil bejn il-membri kollha, beda jagħmel il-mistoqsijiet lill-Awditur Ġenerali u lid-deputati tiegħu dwar ir-rapport imsemmi.[7]
- <u>Fit-23 ta' Novembru 2010</u> ġiet intavolata din il-kawża.

## 9. <u>Konsiderazzjoni.</u>

Mis-sentenza tal-ewwel qorti jidher li dak li wassalha biex tiċħad it-talba tal-attur kienet li għalkemm kien wiegħed lill-ħaddiema tat-Tarzna kif ukoll lil Airmalta li mhux ser jitilfu l-impieg tagħhom u kienu ser jimxu 'l quddiem, dik il-wegħda ma kinitx inżammet għaliex it-Tarzna nbiegħet lill-privat u l-Airmalta ġiet ristrutturata li wassal sabiex ħaddiema tilfu x-xogħol jew intbagħtu jaħdmu f'positijiet oħra. F'paġna sebgħa (7) tas-sentenza l-qorti qalet li fir-rigward tat-Tarzna u l-Airmalta, kien minnu li l-attur, *"(....) kien għamel 'wegħdi foloz'... lejliet l-elezzjoni ġenerali kif jghid l-intimat fl-editorjal tiegħu"*. Il-qorti kkonkludiet il-konsiderazzjoni tagħha billi qalet:-

*"Jirriżulta għalhekk illi, għalkemm il-kelm "giddieb" tista' b'xi mod tinstema' ħarxa fil-konfront ta' persuna, peress illi l-fatti kif fuq esposti jirriżultaw sostanzjalment veri u, aktar u aktar, in vista tal-fatt illi r-rikorrent huwa persuna politika illi hija soġġetta għall-livell ta' kritika għolja kif ukoll anke għal provokazzjoni u esaġerazzjonijiet, tali kumment għandu jitqies bħala wieħed aċċettabbli fis-soċjeta demokratika Maltija u ċertament ma hijiex malafamanti u libelluża fil-konfront tar-rikorrenti peress illi kien kumment illi kien jirrifletti l-ħsibijiet tal-intimat ibbażati fuq fatti illi huwa kien ikkostata u li dwarhom ħass illi kellu jikkummenta f'dak is-sens".*

Wara li l-qorti qrat l-atti u semgħet it-trattazzjoni, tosserva:

9.1 L-editorjal oġġett tal-kawża huwa ppernjat fuq dak li wieġeb l-attur f'intervista li saritlu waqt il-programm *Bondi+"* tat-18 ta' Ottubru 2010. Il-*media* għandha rwol kardinali f'demokrazija għaliex toffri lill-pubbliku, *"(....) one of the best means of discovering and forming an opinion of the ideas and attitudes of*

[7] Dawn il-mistoqsijiet komplew isiru fis-seduti tat-30 ta' Novembru 2010 u tal-14 ta' Diċembru 2010. Jirriżulta illi fil-11 ta' Jannar 2011, kemm Dr Austin Gatt għall-membri tal-Gvern, kif ukoll Dr Evarist Bartolo, għall-membri tal-Oppożizzjoni, ippreżentaw lista ta' xhieda illi kellhom jinstemgħu u fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2011, <u>il-PAC ivvota favur li jinstemgħu tali xiehda</u>, liema xhieda bdew jinstemgħu fl-1 ta' Novembru 2011 u f'seduti sussegwenti.

*political leaders"* (ara **Lingens v. Austria**, §42). Fil-każ **Thorgeir Thorgeirson v. Iceland** (25 ta' Ġunju, 1992), il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem qalet:

*"Whilst the press must not overstep the bounds set, inter alia, for "the protection of the reputation of ... others", it is nevertheless **incumbent on it to impart information and ideas on matters of public interest. Not only does it have the task of imparting such information and ideas: the public also has a right to receive them. Were it otherwise, the press would be unable to play its vital role of "public watchdog"** (see the above-mentioned Observer and Guardian judgment, pp. 29-30, para. 59)".*

9.2 L-ewwel qorti waslet għall-konklużjoni li l-ilment tal-attur dwar l-allegazzjoni ta' "*Giddieb bil-provi*" li saret fil-konfront tiegħu mill-editur konvenut fir-rigward tal-intervista tiegħu li saret fuq "*Bondi+*", hu ġustifikat (ara paġna 4-5 tas-sentenza).

9.3 Kuntrarjament għal dak li jingħad fl-editorjal, u senjatament dik il-parti li taqra hekk:-

"(Il-Prim Ministru) *assigura lil sieħbu Lou Bondi li hu kien ordna lill-membri tiegħu fuq il-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi (PAC) biex ma jfixklux l-aġenda tal-Oppożizzjoni Laburista **u jaċċettaw li x-xiehda jittellgħu quddiem dan il-kumitat biex jiġu mistħarrġin**."*

Effettivament l-attur ma qalx li ordna lir-rapprezentanti tal-Parti Nazzjonalista fuq il-PAC sabiex jaċċettaw li x-xiehda jittellgħu. Fit-tweġiba l-attur irrefera biss għal dibattitu fil-PAC dwar ir-rapport tal-Awditur Ġenerali u jekk hemm bżonn jissejjaħ l-Awditur Ġenerali sabiex jikkjarifika dak li nkiteb fir-rapport. Fl-ebda parti tat-tweġiba ma qal li kien jaqbel li jinstemgħu xhieda jew li ta xi struzzjonijiet f'dak is-sens lir-rapprezentanti tal-Partit Nazzjonalista li jpoġġu f'dak il-Kumitat. Għaldaqstant, l-opposizzjoni minn Dr Gatt waqt il-laqgħa tal-PAC tat-18 ta' Ottubru, 2010 ma kinitx tgiddeb dak li qal l-attur fil-programm Bondi +, ġialadarba l-attur qatt ma qal li kien ta struzzjonijiet li, *"(....) jaċċettaw li x-xhieda jittellgħu quddiem dan il-kumitat biex jiġu mistħarrġin"*, kif inkiteb fl-editorjal. L-istess jingħad fir-rigward tal-istqarrija li nħarġet mill-Kap tal-Komunikazzjoni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru fit-12 ta' Novembru 2010.

Dak li ntqal mill-attur lanqas jista' jiftiehem li ma kienx jopponi li jinstemgħu xhieda quddiem il-Kumitat. Hu veru li fl-aħħar tat-tweġiba qal, *"Aħna mill-ewwel għedna noqgħodu għar-ruling tal-Ispeaker"*, pero' fir-rigward id-deċiżjoni tal-Ispeaker ma kinitx li għandhom jinstemgħu xhieda, iżda li kien il-Kumitat li kellu jiddeċiedi dwar ir-regolarita ta' taħrika ta' xhieda. Għaldaqstant l-editorjal irrapporta fatt li mhuwiex minnu. Fatt li kien il-pedament sabiex l-awtur jikkonkludi li l-attur kien gideb fuq programm tat-televixin u zvija lill-poplu, u dan wara li rraporta x'kien qal Dr Austin Gatt u l-istqarrija li nħarġet mill-uffiċċju tal-Prim'Ministru.

9.4 Hu fatt li bħala Prim'Ministru u politiku, l-attur kellu juri ħafna iktar tolleranza għal kritika minn ħaddieħor, b'mod partikolari meta jagħmel dikjarazzjonijiet pubbliċi li huma wkoll soġġetti għal kritika. Pero' fiċ-ċirkostanzi ma jistax jingħad li d-dikjarazzjoni li l-attur kien gideb u pprova jizvijha lill-pubbliku waqt programm televiżiv, hi *value judgment* jew *fair comment*. Kumment irid ikun bażat fuq fatti veri u mhux invenzjonijiet; *"However, even where a statement amounts to a value judgment, **there must exist a sufficient factual basis to support it, failing which it will be excessive** (see Jersualem v Austria, no. 26858/95, §43, ECHR 2001-II)"* (**Pedersen and Baadsgaard v. Denmark**, 49017/99, Qorti Ewropea dwar Drittijiet tal-Bniedem tas-17 ta' Diċembru, 2004). Fuq l-istess linja fis-sentenza **Ruokanen and Others v Finland** tal-4 ta' Ottubru, 2010, l-istess qorti qalet:

> *"41. One factor of particular importance is the distinction between statements of fact and value judgments. While the existence of facts can be demonstrated, the truth of value judgments is not susceptible of proof. A requirement to prove the truth of a value judgment is impossible to fulfil and infringes freedom of opinion itself, which is a fundamental part of the right secured by Article 10. However, even where a statement amounts to a value judgment, the proportionality of an interference may depend on whether **there exists a sufficient factual basis for the impugned statement, since even a value judgment may be excessive where there is no factual basis to support it** (see Turhan v. Turkey, no. 48176/99, § 24, 19 May 2005, and Jerusalem v. Austria, no. 26958/95, § 43, ECHR 2001-II)"*.

9.5 L-ewwel qorti qalet ukoll li l-artiklu kien qiegħed jagħmel riferenza għal każijiet fejn l-attur kien għamel, *"wegħdi foloz…. Lejliet l-elezzjoni ġenerali"* kif intqal fl-artiklu. F'dan ir-rigward il-qorti għamlet riferenza għal każijiet tat-Tarzna u tal-Airmalta li l-konvenut irrefera għalihom fl-affidavit. Pero' dawn lanqas biss

ma ssemmew fl-artiklu. F'kull każ, fil-fehma tal-qorti jekk wieħed kellu jaċċetta li l-kliem: *"Mhux biss jiskużaw il-gideb tiegħu, li huwa saħansitra miktub u dokumentat fil-pataflun ta' wegħdi foloz li għamel lejliet l-elezzjoni ġenerali…."* kien biss *value judgment*, ma jbiddel xejn minn dak li diġa' ngħad fis-sentenza. Inoltre, hu evidenti li l-editorjal *"Giddieb bil-provi"* ippubblikat fil-15 ta' Novembru 2010, inkiteb fi żmien tal-kontroversja li kien hemm dak iż-żmien dwar l-estensjoni tal-*power station* ta' Delimara. Għalhekk l-enfażi kien fuq dak li ġie rraportat li ntqal mill-attur fil-programm Bondi +. Editorjal li ġie ppubblikat tlett ijiem wara l-istqarrija li nħarġet l-istqarrija mill-Uffiċċju tal-Prim'Ministru, u li jidher li kienet dik il-ġrajja li wasslet għall-pubblikazzjoni tal-editorjal in kwistjoni fejn l-uniku każ li ssemma hu proprju dak li qal l-attur waqt il-programm Bondi +.

9.6 Il-qorti wkoll tinnota li l-konvenut ma jistax jipprova jinħeba wara l-fatt li jirriżulta li f'dak iż-żmien il-Kap tal-Opposizzjoni kien ukoll għajjar lill-attur giddieb. L-awtur ma llimitax ruħu biex jirraporta x'qal il-Kap tal-Opposizzjoni, iżda għamel dikjarazzjoni wara l-oħra li l-attur gideb.

9.7 Għal dak li jirrigwarda l-akkuża li għamel il-konvenut li l-attur kien gideb u żvija lill-poplu fl-intervista li saritlu fil-programm Bondi +, il-qorti tqies li din id-dikjarazzjoni kienet tolqot ir-reputazzjoni tal-attur li dak iż-żmien kien jokkupa l-kariga ta' Prim'Ministru. Il-qorti tasal biex tgħid li l-konvenut ma kienx in *bona fede* billi skarta l-verita' li setgħet faċilment tiġi verifikata. Sfortunatament iż-żewġ partiti politiċi l-kbar f'Malta jaddottaw din it-tip ta' strateġija fil-gazzetti u mezzi tax-xandir.

9.8 Għal dak li jirrigwarda l-kumpens il-qorti qegħda tillikwida s-somma ta' sitt mitt ewro (€600), u tfakkar li l-kumpens m'għandux iservi sabiex ikollu *chilling effect* fuq il-liberta tal-espressjoni. Somma li l-qorti qeghda tiffissa wara li qieset ukoll li:

(i) Il-mezzi li l-attur kellu bħala Prim'Ministru sabiex jirribatti dak li ġie rapportat li qal waqt il-programm;

(ii) Is-sens ta' proporzjon raġonevoli li jrid jinżamm mal-ħsara li ssir lir-reputazzjoni tal-persuna;

(iii) Il-kumpens li talab l-attur u li ser jingħata huma danni morali;

(iv) Mid-data tal-pubblikazzjoni tal-editorjal għaddew kważi seba' (7) snin u llum il-ġurnata l-attur irtira mill-ħajja pubblika;

(v) Id-dikjarazzjoni tal-qorti li bl-editorjal oġġett tal-kawża l-attur gie mmalafamat, hi fiha nnifisha wkoll mezz kif persuna tivvendika r-reputazzjoni tagħha;

**Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell sa fejn konformi ma' dak li ngħad hawn fuq u:**

1. **Tħassar is-sentenza tat-18 ta' Jannar, 2016 tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta).**
2. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talba tal-attur li l-editorjal *"Giddieb bi Provi"* pubblikat fl-Orrizont fil-15 ta' Novembru 2010, hu malafamanti.**
3. **Tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attur is-somma ta' sitt mitt ewro (€600) bħala danni morali *ai termini* tal-artikolu 28 tal-Liġi dwar l-Istampa (Kap. 248).**
4. **Spejjeż kollha huma a karigu tal-konvenut.**

Anthony Ellul.